Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 842/2009/1

**Arkitett Raymond Vassallo, personalment u fil-kwalita` tieghu ta' azzjonist u jew Direttur tas-socjetajiet Parade Limited C4082, Windsor Holdings Limited C11422, Regent Holdings Limited C21310 u Winex Holdings Limited C21511 u ghal kull interess li jista' jkollha martu Mariella Vassallo, anke bhala Direttrici ta' Windsor Holdings Limited**

**v.**

**Anthony Parlato Trigona u Ingrid Parlato Trigona, mizzewgin, Arkitett William Carbonaro u**

**Gabriella sive Gay Carbonaro mizzewgin,**
**Arkitett Edward Micallef u Anna Micallef, mizzewgin,**
**WCO Limited u TPT Limited, u ghal kull interess li jista' jkollhom**
**Parade Limited, Windsor Holdings Limited,**
**Regent Holdings Limited u Winex Holdings Limited**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Settembru 2010 li fir-rigward tas-socjeta` intimata Parade Limited, laqghet it-tielet eccezzjoni taghha, u cahdet it-talbiet attrici kif dedotti kontra taghha, spejjez ghar-rikorrenti. Fir-rigward tal-intimata Windsor Holdings Limited, laqghet l-ewwel tliet eccezzjonijiet taghha, u ghalhekk cahdet it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti kontra taghha, spejjez ghar-rikorrenti u cahdet l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet preliminari tal-intimati konjugi Carbonaro, Parlato Trigona u Micallef, bl-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali, u ordnat li s-smigh tal-kawza jitkompla bil-gbir tal-provi fil-mertu.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghdha tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

"**Il-Qorti :**

"Rat li fil-bidu nett tar-rikors promotur li pprezentaw fil-31 ta' Awissu 2009, ir-rikorrenti, kif fuq identifikati, ighidu mill-ewwel li ghamlu din l-azzjoni skond l-**Art.402 tal-Kap.386** tal-Ligijiet ta` Malta. U jispjegaw li huma *qed jezercitaw dan ir-rimedju u qed jagixxu f'isimhom proprju bhala azzjonisti kif ukoll f'isem is-socjetajiet li jirraprezentaw ghaliex hemm illum, kien hemm u huwa aktar car li ser ikun hemm konflitt ta' interess fondamentali bejn l-intimati u l-kumpanija msemmija, liema konflitt huwa ta' pregudizzju kemm ghall-kumpanniji kif ukoll ghall-interess tar-rikorrent. It-talba hija ghal rimedju nkluza u*

*mhux limitata ghal dikjarazzjoni ta' responsabilita' u kundanna konsegwenzjali ta' danni u telf soffert.*

"Rat li r-rikorrenti mbaghad ifissru kif jinkwadra l-intimat Anthony Parlato Trigona fil-kuntest tal-kumpanniji intimati u jaghtu hjiel tar-responsabilitajiet tieghu.

"Rat l-organigram Dok. A fejn r-rikorrenti *jindikaw l-interess rispettiv tal-partijiet u s-socjetajiet involuti.*

"Rat l-elenku tad-danni u t-telf li l-esponenti jallegaw li garrbu.

"Rat is-serje ta' tmintax (18)–il lanjanza fid-dettall li dwarhom ilmentaw ir-rikorrenti fil-konfront tad-diversi intimati.

"Rat it-talbiet tar-rikorrenti lil din il-Qorti li testwalment kienu dawn -

"*"Taghti dawk ir-rimedji skond ma jidhrulha xierqa u opportuni fis-sens tal-poteri taghha wiesgha tal-artikolu 402 tal-Companies Act ;*

*"Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati jew min minnhom ikkawzaw danni, jew telf patrimonjali inkluz telf ta' qligh lill-atturi b'responsabilita', misura u ammont li ghandhom jigu determinati mill-Qorti ;*

*"Tillikwida d-danni u t-telf patrimonjali hekk kawzati ;*

"*Tikkundanna lill-intimati ihallsu d-danni u t-telf hekk kawzati ;*

*"Taghti ordni u provvediment iehor li jidhrulha xierqa ;*

*"Taghti ordni provvizorja u immedjata li ma jsir ebda moviment ta' flus jew trasferiment ta' assi mis-socjeta' Winex Holdings Limited u Windsor Holdings Limited minghajr il-preavia awtorizzazzjoni tal-Qorti jew tad-Diretturi prezenti inkluz ir-rikorrent.*

*"Bl-imghax u bl-ispejjez u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-ligi."*

Rat ir-risposta mahlufa tal-intimati Perit William u Gabriella konjugi Carbonaro li kienet prezentata fil-15 ta' Ottubru 2009 fejn fl-ewwel lok issollevaw zewg eccezzjonijiet preliminari li kienu dawn -

"*"1. Illi preliminarjament l-azzjoni tar-rikorrenti hija irrita' u nulla u t-talbiet ghandhom ghalhekk jigu michuda stante li ma tezistix f'materja socjetarja l-possibilita' li tingieb l-azzjoni taht l-artikolu 402 tal-Att Dwar il-Kumpanniji f'isem is-socjeta' li kontra taghha jkun qed jigi allegat li sar xi hsara. Jidher li r-rikorrenti qed ihawdu l-azzjoni derivattiva ma' l-azzjoni taht l-artikolu 402 f'kawza wahda, haga li tirrendi din l-azzjoni bla bazi legali u ghalhekk nulla.*

*"2. Illi inoltre u preliminarjament ukoll hija assurdita' gurdika li parti tkun kemm rikorrenti kif ukoll intimata fl-istess kawza, u ghal din ir-raguni wkoll l-azzjoni tar-rikorrenti hija irrita' u nulla u t-talbiet kollha ghandhom jigu michuda."*

"Rat li abbazi ta' serje ta` fatti li huma fissru fid-dettall fir-risposta taghhom, l-istess intimati konjugi Carbonaro komplew jeccepixxu hekk -

"*"3. Illi l-allegazzjonijiet kollha esposti fir-rikors promotur dwar tmexxija rregolari u allegazzjonijiet ohra huma kollha michuda bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk l-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante li ma tezisti l-ebda raguni ghaliex l-Artikolu 402 ghandu jigi applikat.*

*"4. Illi t-tieni, it-tielet u r-raba' talba tar-rikorrenti wkoll ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti stante li l-esponenti m'huma responsabbli ghal ebda danni allegatament sofferti mir-rikorrenti.*

*“5. Illi t-tieni, it-tielet u r-raba’ talba tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda wkoll ghaliex ir-rikorrenti ma sofrew l-ebda danni kif qed jallegaw.*

*“6. Illi l-hames talba tar-rikorrenti mhiex cara u hija indikattiva biss tan-natura vera tal-procedura odjerna, u cioe’ procedura frivola u minghajr bazi intenzjonata biss sabiex tivvessa fejn ir-rikorrenti jippruvaw jitfghu hafna allegazzjonijiet u hafna talbiet vagi biex forsi jolqtu x’imkien.*

*“7. Illi s-sitt talba tar-rikorrenti wkoll ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti stante li ma jezistux ragunijiet sufficjenti sabiex jittiehdu tali mizuri provizorji, u se mai ir-rikorrenti jridu jippruvaw il-htiega li tintlaqa’ t-talba taghhom.*

*“8. Salvi eccezzjonijiet ohra.”*

“Rat ir-risposta mahlufa tas-socjeta’ intimata WCO Limited presentata fil-<u>15 ta’ Ottubru 2009</u> li taqra hekk –

“*“1. Illi s-socjeta’ WCO Limited mhiex il-legittimu kuntradittur fil-kawza odjerna u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li hija m’ghandha l-ebda interess guridiku toqghod fil-kawza u hija estranja ghall-pretensjonijiet u t-talbiet maghmula fir-rikors promotur, u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*“2. Illi tant is-socjeta’ esponenti tharrket inutilment illi dan il-fatt jirrizulta anke prima facie mir-rikors promotur stess. L-ebda pretensjoni m’hi diretta lejn is-socjeta’ esponenti u l-ebda talba ma tista’ tirrispondi ghaliha s-socjeta’ WCO Limited.*

*“3. Illi ghalhekk jidher manifestament car li t-tahrika tal-esponenti min-naha tar-rikorrenti hija frivola u vessatorja u ghandha tigi michuda minn din l-Onorabbli Qorti, filwaqt li l-esponenti qieghda minn issa tirriserva kull dritt t’azzjoni, inkluza dik ghad-danni, spettanti lilha skond il-ligi kontra r-rikorrenti talli dahlitha inutilment f’dawn il-proceduri.*

*“4. Illi s-socjeta’ esponenti hija estranja ghall-allegazzjonijiet kollha esposti fir-rikors promotur dwar tmexxija irregolari, danni u allegazzjonijiet ohra fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost qed jigu kollha michuda bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-esponenti m’hi responsabbli ghal ebda danni pretizi mir-rikorrenti.*

*“5. Illi s-sitt talba tar-rikorrenti, in kwantu m’hiex diretta kontra l-esponenti izda diretta kontra terzi, ukoll ghandha tigi michuda fil-konfront tal-esponenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*

*“6. Illi ghal dawn ir-ragunijiet kollha u dawk li ser jirrizultaw fil-mori tal-kawza, it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.*

*“7. Salv eccezzjonijiet ohra.”*

“Rat ir-risposta mahlufa tal-intimati Anthony u Ingrid konjugi Parlato Trigona u tal-intimati Perit Edward u Anna konjugi Micallef li kienet prezentata fil-21 ta’ Ottubru 2009 fejn anke huma fl-ewwel lok ressqu zewg eccezzjonijiet preliminari li jghidu hekk –

“*“1. Illi preliminarjament l-azzjoni kif proposta hija irrita u nulla in kwantu l-mod kif gie redatt ir-rikors promotur ma jidentifikax b’mod car x’inhuma l-bazijiet fattwali u n-nessi logici mar-rimedji mitluba kif rikjest mil-ligi, ma jikkontjeni l-ebda ness logiku bejn il-kwazi tletin premessa u t-talbiet kif elenkati fir-rikors u fuq kollox ma jidentifikax b’mod car x’inhu r-rimedju rikjest mir-rikorrenti fil-konfront ta’ kull wiehed jew wahda mill-intimati b’tali mod li jirrendi r-rikors promotur ingestibbli minn din l-Onorabbli Qorti u johloq diffikultajiet kbar lill-esponenti intimati anke sabiex jirrispondu b’mod ezawrjenti ghaliex mhu car xejn x’qed jintalab minn ghand kull wiehed minn dawn l-intimati u fuq kollox fil-kuntest ta’ liema wahda jew aktar mis-socjetajiet intimati qed issir kull wahda mit-talbiet promoturi.*

*“2. Illi preliminarjament ukoll, l-azzjoni li jidher li qed iressaq ir-rikorrenti hija dikjarata bhala azzjoni ghal pregudizzju mhux gust – unfair prejudice – taht l-Art. 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta’ Malta mentri dak li kellhom f’mohhom ir-rikorrenti jidher bl-aktar mod evidenti li kienet l-azzjoni derivattiva kif (a) dikjarat espressament fil-kawzali tal-mandat ta’ inibizzjoni u l-mandati ta’ sekwestru li qed jikkawtelaw dawn il-proceduri u kif (b) jidher mill-fatt li gew imharrkin is-socjetajiet in kwistjoni infushom f’dawn il-proceduri mentri fi proceduri taht l-Art. 402 ftit li xejn jistghu jirrispondu s-socjetajiet in kwistjoni li se mai – jekk qatt jigu ppruvati l-allegazzjonijiet in kwistjoni – jkunu l-partijiet li soffrew id-dannu u certament mhux il-konvenuti. Dan il-fatt jirrendi din l-azzjoni bla bazi u kwindi nulla.*

“Rat is-serje ta’ fatti li, skond dawk l-intimati, taw dettalji sabiex ifissru l-eccezzjonijiet l-ohra taghhom kienu dawn –

“*“3. Illi fir-rigward tal-ewwel talba attrici jidher li l-pern tal-lanjanzi tar-rikorrenti dwar pregudizzju mhux gust hija r-rimozzjoni tar-rikorrent Arkitett Raymond Vassallo minn direttur tas-socjeta’ Regent Holdings Limited. L-intimati bir-rispett, jeccepixxu illi dan il-punt diga’ gie diskuss u deciz minn din l-Onorabbli Qorti ghal darba darbtejn, f’zewg proceduri separati fejn il-Qorti sabet li tali rimozzjoni ma tikkostitwix pregudizzju mhux gust jew oppressjoni tal-azzjonisti minoritarji u kwindi dawk l-pronunzjamenti llum huma res judicata u jikkostitwixxu stat bejn l-partijiet.*

*“4. Illi l-illazzjonijiet l-ohrajn kollha tar-rikorrenti dwar kunflitt ta’ interess, gestjoni hazina tas-socjetajiet intimati, u l-allegazzjonijiet l-ohrajn huma kollha michuda bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant l-ewwel talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez peress illi ma jissusistix il-pregudizzju reklamat la fil-fatt u lanqas fid-dritt.*

*“5. Illi subordinatament ghall-eccezzjonijiet numru 4 ghall-ewwel talba attrici, fi kwalunkwe kaz din it-talba ghandha tigi michuda in kwantu r-rikorrenti kienu akwiexxenti ghal dawn is-snin kollha fil-gestjoni tal-*

*kumpaniji in kwistjoni u bis-silenzju taghhom fi kwalunkwe kaz kienu qed jikkonsentixxu ghal mod kif kienu jigu amministrati l-kumpaniji kif stabbilit fil-ligi u fil-gurisprudenza nostrana inkluz mill-Qorti tal-Appell.*

*"6. Illi r-rikorrenti ma sofrew l-ebda danni li ghalihom jistghu b'xi mod jitqiesu responsabbli l-intimati esponenti kif qed jallegaw, u kwindi t-tieni, it-tielet u r-raba' talba dwar dikjarazzjoni ta' responsabbilta', likwidazzjoni u ordni ghar-rizarciment ta' tali danni ghandhom jigu wkoll michuda bl-ispejjez.*

*"7. Illi l-hames talba ghandha bl-istess mod tigi michuda kemm ghaliex hija nsostenibbli fil-mod vagissimu u generalissimu li biha giet redatta minghajr per ezempju lanqas referenza ghal-liema socjeta' intimata qed jintalab tali rimedju, kif ukoll ghaliex proprju mhu opportun xejn li din il-Qorti taghti xi ordni jew provvediment fic-cirkostanzi.*

*"8. Illi s-sitt talba ghandha wkoll tigi michuda bl-ispejjez in kwantu fl-ewwel lok ma jezistu l-ebda cirkostanzi sufficjenti biex jittiehdu tali mizuri kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors u fit-tieni lok l-uniku effett reali ta' tali sanzjoni tkun it-tkissir definittiv tas-socjetajiet intimati li ma jkunux jistghu imexxu n-negozju taghhom ta' kuljum b'effett hazin u rrimedjabbli fuq il-korp kollu tal-azzjonisti.*

*"9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fuq il-mertu u b'riserva ghal kull rimedju, inkluz rimedju fid-danni, spettanti lis-socjeta' esponenti Parade Limited kontra r-rikorrenti Vassallo.*

"Rat ir-risposta tal-intimata TPT Limited li kienet prezentata fil-<u>21 ta' Ottubru 2009</u> li taqra hekk –

"*"1. Illi s-socjeta' esponenti TPT Limited mhix il-legittimu kontradittur ta' din il-procedura stante illi t-talbiet u l-pretensjonijiet kollha dedotti fl-att promotur lanqas remotament ma jikkoncernaw affarijiet jew avvenimenti attribwibbli lis-socjeta' esponenti u lanqas l-ebda wahda mill-illazzjonijiet u l-allegazzjonijiet vagissimi tar-rikors*

*promotur mhi indirizzata lil jew tista' tirrispondi ghaliha s-socjeta' esponenti li ghandha ghaldaqstant tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra r-rikorrenti Vassallo.*

*"2. Illi issa li gew dedotti t-talbiet f'dan ir-rikors jirrizulta bl-aktar mod car illi l-inkluzjoni tas-socjeta' esponenti f'dan ir-rikors saret b'mod malizzjuz u vessatorju u dan unikament sabiex jigu akkolti u jinzammu fis-sehh fil-pendenza ta' dawn il-proceduri mandati kawtelatorji ta' sekwestru kontra l-esponenti intizi sabiex jopprimu socjeta' kompletament estranea ghall-fatti bhas-socjeta' esponenti li izda nzertat (kwazi kompletament b'495 sehem minn 500) proprjeta' tal-familja Parlato Trigona.*

*"3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost l-illazzjonijiet u l-allegazzjonijiet kollha kontenuti fir-rikors odjern huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti ghaliex is-socjeta' esponenti la qatt ikkawzat danni jew telf patrimonjali lill-esponenti Vassallo, u lanqas qatt agixxiet b'xi mod li remotatament jista' jinghad li kkawza dannu lir-rikorrenti.*

*"4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fuq il-mertu subordinati ghas-suespost u b'riserva ghal kull rimedju, inkluz rimedju fid-danni, spettanti lis-socjeta' esponenti TPT Limited kontra r-rikorrenti Vassallo.*

"Rat ir-risposta tal-intimata Parade Limited li kienet prezentata fil-<u>21 ta' Ottubru 2009</u> u taqra hekk –

"*"1. Illi s-socjeta' esponenti Parade Limited hija azzjonista fl-import azzjonarju ta' 50% tal-ishma tas-socjeta' Windsor Holdings Limited u mhix la azzjonista u lanqas b'xi mod konnessa mas-socjetajiet l-intimati l-ohrajn kollha Winex Holdings Limited, Regent Holdings Limited, WCO Limited u Parade Limited.*

*"2. Illi ghaldaqstant (minkejja l-mod konfuz li bih ir-rikors promotur jitlob rimedji diversi kontra socjetajiet u entitajiet differenti fil-kuntest ta' socjetajiet differenti minghajr ma*

*jispecifika x'qed jintalab u minn ghand min), huwa evidenti illi kull ma jista' qed jintalab mis-socjeta' esponenti Parade Limited huwa biss u esklussivament jew (a) fil-kuntest tat-tmexxija u l-gestjoni ta' Windsor Holdings Limited (C-11422) li taghha hija azzjonista jew (b) fil-gestjoni taghha nfisha f'liema kaz hija tirrimetti ruhha lil din il-Qorti u se mai ghall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti jridu jwiegbu ghalihom id-diretturi u/jew l-azzjonisti l-ohrajn.*

*"3. Illi una volta stabbilit li r-rimedju mitlub minn Parade Limited, jekk qed jintalab tali rimedju, jikkoncerna naturalment biss il-gestjoni tas-socjeta' Windsor Holdings Limited, ir-rikors promotur ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra r-rikorrenti in kwantu huwa rritwali ghaliex il-proceduri intavolati mir-rikorrenti ma jispettawx lilhom skond il-ligi ghal dawn ir-ragunijiet :*

*"a) Illi r-rikors promotur huwa "talba a tenur tal-Artikolu 402 tal-Companies Act" ossija talba ghall-protezzjoni ta' azzjonisti kontra allegat pregudizzju mhux gust. Issa huwa fatt assodat fil-ligi u fid-dottrina illi d-dritt li tigi proposta tali azzjoni jispetta biss lil "kull membru ta' kumpanija" u skond l-istess organigramm provdut mar-rikors promotur ir-rikorrenti Vassallo ex admissis mhumiex "membri" tas-socjeta' intimata esponenti Windsor Holdings Limited u kwindi ma jispettax lilhom ir-rimedju vantat taht l-Artikolu 402 ;*

*"b) Illi l-Artikolu 2(1) tal-Kap. 386 jiddefinixxi 'membru' b'mod tassattiv bhala azzjonista ta' kumpannija u socju f'kull socjeta' kummercjali ohra ;*

*"c) Illi a skans ta' kull ekwivoku l-fatt illi r-rikorrenti mhumiex membri ossija azzjonisti tas-socjeta' esponenti jirrizulta bl-aktar mod car minn semplici estratt mir-Registru tal-Kumpaniji fi hdan l-MFSA (hawn anness u mmarkat WHL 1) ;*

*"d) Minghajr pregudizzju ghas-suespost l-illazzjonijiet u l-allegazzjonijiet kollha kontenuti fir-rikors odjern huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-*

*ispejjez kontra l-istess rikorrenti ghaliex is-socjeta' esponenti la qatt ikkawzat danni jew telf patrimonjali lill-esponenti Vassallo, u lanqas qatt agixxiet b'xi mod li remotatament jista' jinghad li kkawza dannu lir-rikorrenti.*

*"Salv eccezzjonijiet ulterjuri fuq il-mertu subordinati ghas-suespost u b'riserva ghal kull rimedju, inkluz rimedju fid-danni, spettanti lis-socjeta' esponenti Parade Limited kontra r-rikorrenti Vassallo.*

"Rat ir-risposta tal-intimata Windsor Holdings Limited li kienet prezentata fil-<u>5 ta' Novembru 2009</u> li taqra hekk –

*1. Illi r-rikors promotur ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra r-rikorrenti in kwantu huwa irritwali ghaliex il-proceduri intavolati mir-rikorrenti ma jispettawx lilhom skond il-ligi ;*

*2. Illi r-rikors promotur huwa "talba a tenur tal-Artikolu 402 tal-Companies Act" ossija talba ghall-protezzjoni ta' azzjonisti kontra allegat pregudizzju mhux gust. Issa huwa fatt assodat fil-ligi u fid-dottrina illi d-dritt li tigi proposta tali azzjoni jispetta biss lil "kull <u>membru</u> ta' kumpanija" u skond l-istess organigramm provdut mar-rikors promotur ir-rikorrenti Vassallo ex admissis mhumiex "membri" tas-socjeta' intimata esponenti Windsor Holdings Limited u kwindi ma jispettax lilhom ir-rimedju vantat taht l-Artikolu 402 ;*

*3. Illi l-Artikolu 2(1) tal-Kap. 386 jiddefinixxi 'membru' b'mod tassattiv bhala azzjonista ta' kumpannija u socju f'kull socjeta' kummercjali ohra ;*

*4. Illi a skans ta' kull ekwivoku l-fatt illi r-rikorrenti mhumiex membri ossija azzjonisti tas-socjeta' esponenti jirrizulta bl-aktar mod car minn semplici estratt mir-Registru tal-Kumpaniji fi hdan l-MFSA (hawn anness u mmarkat WHL 1) ;*

*5. Minghajr pregudizzju ghas-suespost l-illazzjonijiet u l-allegazzjonijiet kollha kontenuti fir-rikors odjern huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u*

*ghalhekk it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti ;*

*6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fuq il-mertu subordinati ghas-suespost u b'riserva ghal kull rimedju, inkluz rimedju fid-danni, spettanti lis-socjeta' esponenti Windsor Holdings Limited kontra r-rikorrenti Vassallo.*

"Rat ir-risposta tal-intimati Winex Holdings Limited u Regent Holdings Limited li kienet prezentata fil-5 ta' Novembru 2009 li taqra hekk –

"*"Illi r-rikorrenti Perit Arkitett Raymond Vassallo huwa azzjonist minoritarju fis-socjeta' esponenti Winex Holdings Limited fl-ammont ta' elfejn (2,000) sehem minn total ta' erba' mitt elf sehem (400,000) ossija detentur ta' 0.05% tal-azzjonijiet ordinarji ;*

*"Illi r-rikorrent Perit Arkitett Raymond Vassallo huwa wkoll azzjonist minoritarju fis-socjeta' esponenti Regent Holdings Limited (C-21310) fl-ammont ta' mija u hamsa u ghoxrin sehem (125) minn total ta' hames mitt sehem ossija detentur ta' 25% fil-mija tal-azzjonijiet ordinarji ;*

*"Illi huwa car u evidenti li l-pern ta' din il-procedura odjerna hija l-vertenza bejn l-azzjonist Vassallo u d-diretturi / azzjonisti l-ohrajn tas-socjetajiet esponenti ai termini tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 dwar il-gestjoni tas-socjetajiet intimati esponenti ;*

*"Illi s-socjetajiet esponenti ghalhekk ghandhom interess biss fl-ezitu ta' dawn il-proceduri in kwantu jekk, ghall-argument, l-allegazzjonijiet kontenuti fir-rikors promotur jigu ppruvati, ikunu s-socjetajiet intimati esponenti li jkunu sofrew id-dannu vantat u li ghalhekk ikunu jridu jircievu kwanlunkwe kumpens likwidat u mhux ir-rikorrenti odjerni. In principju l-ebda wahda mit-talbiet rikorrenti ma hija indirizzata kontra s-socjetajiet esponenti ghaliex is-socjetajiet esponenti nfushom la qatt ikkagunaw l-ebda dannu u ghandhom kull interess li jitmexxew skond il-ligi ;*

*“Illi fi kwalunkwe kaz talbiet rikorrenti huma insosenibbli fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tas-socjetajiet intimati u ghandhom jigu michuda kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors ;*

*“Illi l-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom f’kull kaz jigu rizarciti lis-socjetajiet esponenti li huma kompletament estraneji ghat-talbiet rikorrenti ;*

*“Ghaldaqstant, is-socjetajiet esponenti filwaqt li jirriservaw li jirregolaw il-pozizzjoni taghhom ulterjorment f’dawn il-proceduri, jitolbu li din l-Onorabbli Qorti tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu t-talbiet rikorrenti huma insostenibbli fil-fatt u fid-dritt fil-konfront taghhom bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-istess rikorrenti.”*

“Rat il-verbal tal-udjenza tat-23 ta` Novembru 2009 (fol 231-232).

“Semghet f’dik l-istess udjenza x-xhieda *viva voce* tar-rikorrent Perit Raymond Vassallo u ta` Andrew Schembri bhala rapprezentant tar-Registratur tas-Socjetajiet.

“Semghet it-trattazzjoni bil-fomm tad-difensuri tal-partijiet dwar l-eccezzjonijiet preliminari.

“Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-eccezzjonijiet preliminari.

“Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tar-rikorrenti li kienet prezentata fl-14 ta` Dicembru 2009.

“Rat in-nota responsivi tal-intimata Windsor Holdings Limited, tal-intimata Parade Limited, tal-intimata TPT Limited, tal-intimati konjugi Parlato Trigona u Micallef, tal-intimati konjugi Carbonaro u tal-intimata WCO Limited li kienu kollha prezentati fis-7 ta’ Jannar 2010.

“Rat ir-replika tar-rikorrenti li kienet prezentata fit-28 ta’ Jannar 2010.

“Rat l-atti tal-kawza.

“**Ikkunsidrat :**

“**<u>L-Art.402(1) tal-Kap.386</u>** tal-Ligijiet ta` Malta jghid hekk -

“*“Kull **<u>membru ta’ kumpannija</u>** li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b’mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpannija kienu jew huma jew x’aktarx se jkunu, oppressivi b’mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b’mod mhux gust ta’ pregudizzju, ghal membru jew membri jew b’mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali jista’ jaghmel rikors lill-qorti ghal ordni taht dan l-artikolu”.* (enfasi ta` din il-Qorti).

“L-Art.402 mhuwiex ispirat minn koncetti legalistici izda minn principji ta’ ekwita` u ta` gustizzja li ghandhom iharsu interessi u aspettativi legittimi li jistghu jmorru oltre mill-ittra tal-istatut tas-socjeta` (**<u>“Ellul vs Ellul pro et noe”</u>** – Qorti tal-Appell – 31 ta` Jannar 2003). Id-disposizzjoni hija mahsuba sabiex tipprotegi lill-azzjonisti minn agir oppressiv u diskriminatorju, u/jew agir allegatament illegali fil-konfront tal-kumpannija mill-persuni li jkunu fil-kontroll taghha. Il-harsien ta` din id-disposizzjoni jista’ jigi nvokat mill-<u>membri kollha</u>, u allura mhux biss minn membri minoritarji, u <u>ma ghandux ikun hemm dubju li d-diskrezzjoni u l-poteri moghtija lill-Qorti huma wesghin</u>. L-ilment irid ikun dwar it-tmexxija tal-affarijiet tal-kumpannija jew dwar xi att jew ommissjoni taghha. It-tmexxija ta` kumpannija tinkludi firxa wiesgha ta’ fatti, cirkostanzi jew sitwazzjonijiet li jolqtu l-hajja taghha ta’ kuljum. Eskluzi huma l-kwistjonijiet privati bejn il-membri ghax huma barra mil-hsieb ta` din id-disposizzjoni.

“Dwar l-Art.402, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha fil-kawza “**<u>Monreal et vs Delia noe</u>**” deciza fit-13 ta’ Mejju 1999 qalet hekk –

“*“Dawn il-provedimenti huma ta’ salvagwardja u ta’ protezzjoni ghall-azzjonisti ta’ socjeta` kummercjali, b’mod partikolari ghal dawk li huma minoritarji. Ir-rimedji li*

*johorgu minn dawn il-provedimenti huma moghtija lil kull azzjonist ta' socjeta` kummercjali. Kull azzjonist, anke jekk hu minoritarju, ta' socjeta` kummercjali, anke jekk hi pubblika, jista' jitlob li jinghataw l-ordnijiet kollha necessarji u opportuni, f'kaz li jirnexxielu jipprova illi minhabba l-gestjoni tal-istess socjeta` huwa qed isofri jew ukoll jista' jsofri xi pregudizzju ta' natura oppressiva, ingusta jew diskriminatorja. Tali gestjoni tista' tirreferi semplicement ghal xi att specifiku jew xi ommissjoni tal-kumpanija. Il-pregudizzju jista' jirreferi ghall-azzjonist li qed jippromuovi l-proceduri, ghal xi azzjonist iehor jew ghall-interessi in generali tal-azzjonisti. In vista ta' dan kollu jista' jinghad li hu bizzejjed li l-azzjonista jipprova li huwa qed isofri jew eventwalment jista' jsofri xi pregudizzju minhabba xi agir tas-socjeta` li taghha huwa jippossjedi xi ishma. Ma hemmx ghalfejn li huwa jipprova li huwa zgur li ser isofri xi pregudizzju fil-futur. Tali prova tista' ssir fuq bazi ragjonevoli ta' probabbilita`. Inoltre, skond dak li hemm provdut fis-sub-artikolu (3) tal-istess artikolu 402, il-Qorti tista' tipprocedi biex taghmel kull ordni necessarja u opportuna skond dawn il-provedimenti, jekk jirrizulta li l-ilment tal-azzjonista hu sewwa bbazat u jekk il-Qorti thoss li huwa ekwu u gust li taghmel."*

"Skond l-atti akkwiziti jirrizulta hekk –

""1) Illi r-rikorrent Raymond Vassallo huwa membru ("azzjonista") tal-intimata WCO Limited, tal-intimata TPT Limited, tal-intimata Regent Holdings Limited, u tal-intimata Winex Holdings Limited.

"2) Illi r-rikorrenti Raymond Vassallo u martu Mariella Vassallo huma diretturi tal-intimata Windsor Holdings Limited.

"3) Illi l-istess rikorrent la huwa direttur u lanqas azzjonista tal-intimata Parade Limited."

"**Ghalhekk din il-Qorti tghid li, fir-rigward tal-intimata Parade Limited, it-tielet eccezzjoni taghha qeghda**

**tkun milqugha ghar-raguni li r-rikorrenti ma jistghux jidderiegu l-azzjoni taghhom skond l-Art.402 tal-Kap.386 kontra din l-intimata. Ghaldaqstant qeghda tichad it-talbiet attrici kif dedotti kontra din l-intimata spejjez ghar-rikorrenti.**

"Fl-eccezzjonijiet preliminari, tissemma d-"***derivative action***".

"Il-**Prof. Andrew Muscat** fil-ktieb tieghu "**Principles of Maltese Company Law**" (pag. 890-891) jaghti tifsira ta' din l-azzjoni li tezisti fil-*common law* Ingliza u jghid hekk -

""*The derivative action is an action brought by a* ***shareholder*** *in respect of a wrong done to the company where the wrongdoers are in control and prevent the company itself from suing. The benefit of the action would accrue not to the benefit of the shareholder instituting the action but to the company. To succeed in a derivative action, the minority shareholder must prove (i) fraud on the minority, and (ii) wrongdoer control which prevents the company itself bringing the action in its own name. The derivative action is accordingly available where the company itself has been wronged and the directors or the majority shareholders who control the composition of the board fail to take the necessary action to institute the necessary legal proceedings to remedy the wrong suffered by the company. The derivative action is therefore an exception to the rule in 'Foss vs Harbottle' that in respect of a wrong alleged to be done to a company the company itself is the proper plaintiff.*"

"Fis-sentenza taghha fil-kawza "**Mizzi et vs Grech et**" deciza fid-29 ta` April 2008, il-Qorti tal-Appell irriteniet li d-disposizzjoni kontenuta fis-subparagrafu (e) tas-subinciz (3) ta` l-Art.402 huwa l-verzjoni Maltija tal-azzjoni derivattiva u ladarba llum il-gurnata l-legislatur Malti rregola b'mod statutorju l-azzjoni derivattiva, huma d-disposizzjonijiet tal-ligi Maltija rilevanti li ghandhom jigu applikati.

"Meta tapplika dan l-istat tad-dritt ghall-kaz tal-lum, din il-Qorti tghid li r-rikorrenti mhumiex jitolbu provvediment minghand din il-Qorti skond subparagrafu (e) tas-subinciz (3) ta` l-Art.402**.**

"Din il-Qorti ssib li fir-rigward tal-intimata Windsor Holdings Limited, iz-zewg rikorrenti, bhala diretturi taghha, ma jistghux jipprocedu bl-azzjoni skond l-Art.402 kontra l-istess kumpannija, ladarba ma jirrizultax li huma wkoll "membri" taghha. **Ghalhekk qeghda tilqa` l-eccezzjoni preliminari tal-intimata Windsor Holdings Limited u tichad it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti kontra taghha, spejjez ghar-rikorrenti**.

"L-azzjoni skond l-Art.402 issib l-origini taghha fl-azzjoni skond l-Art.459 tal-Companies Act 1985 tar-Renju Unit u hija meqjusa bhala rimedju statutorju maghruf bhala l-"*unfairly prejudicial remedy*".

"Dwar il-procedura tal-*unfairly prejudicial remedy* kif applikata fir-Renju Unit l-awtur **Victor Joffe, "Minority Shareholders : Law, Practice and Procedure**" (2000), Kapitolu 6, pag.218, citat minn din il-Qorti diversament presjeduta (PA/JRM) fis-sentenza taghha fil-kawza "**Calleja vs Calleja**" deciza fit-8 ta' Lulju 2004 (mhux appellata) ighid hekk -

"*"The petitioner will be the member seeking relief, and the company of which he is a member and in relation to whose affairs he alleges unfairly prejudicial conduct will be made a respondent. Additionally, every member of the company (other than the petitioner) whose interests might be effected by the relief sought should be joined as a respondent, whether or not allegations of unfairly prejudicial conduct are made against him : in the case of a small private company, this will usually mean that every member ought to be joined as a respondent to the petition. The category of potential respondents (other than the company) is not, however, limited to members of the company. In an appropriate case, relief may be sought against a non- or former member. The width of the category of potential respondents is indicated by Lowe vs*

*Fahey (1996) 1 BCLC 262, where it was held that if the unfairly prejudicial conduct alleged was a diversion of corporate funds, a petitoner could seek relief not only against members and former members, but also against directors involved or third parties who knowingly received or improperly assisted in the diversion. Even a person who is not actively involved in the conduct of the affairs of the company complained of may be made a respondent, at least if he would be affected by the relief sought"*

"Jirrizulta li r-rikorrent Raymond Vassallo, bhala "membru" tal-intimati WCO Limited, TPT Limited, Regent Holdings Limited u Winex Holdings Limited ipproceda bl-azzjoni skond l-Art.402 kemm kontra l-intimati konjugi Parlato Trigona, konjugi Carbonaro, u konjugi Micallef bhala "membri" ta' xi wahda jew aktar minn dawk il-kumpanniji kif ukoll kontra l-istess imsemmija kumpanniji. Mela limitatament ghall-imsemmija intimati, l-azzjoni tar-rikorrent kienet intavolata korrettement.

"B'riferenza ghas-sottomissjonijiet ta` whud mill-intimati dwar id-*derivative action,* din il-Qorti tghid li kif irrilevaw l-awturi **Farrar & Hannigan** fil-"**Farrar`s Company Law**" (4th Edit.) pg.457-8 –

"*"The fact that the petitioner could have brought a derivative action with respect to the alleged conduct does not preclude him seeking relief under the unfairly prejudicial provision."*

"**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tiddeciedi hekk -**

"**Fir-rigward tal-intimata Parade Limited, tilqa` t-tielet eccezzjoni taghha, u ghalhekk qeghda tichad it-talbiet attrici kif dedotti kontra taghha, spejjez ghar-rikorrenti.**

"**Fir-rigward tal-intimata Windsor Holdings Limited, qeghda tilqa` l-ewwel tliet eccezzjonijiet taghha, u ghalhekk qeghda tichad it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti kontra taghha, spejjez ghar-rikorrenti.**

**“Tichad l-ewwel u t-tieni ccezzjonijiet preliminari tal-intimati konjugi Carbonaro, tal-intimati konjugi Parlato Trigona u tal-intimati konjugi Micallef, bl-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.**

**“Tordna li s-smigh tal-kawza jitkompla bil-gbir tal-provi fil-mertu.”**

**Rikors tal-appell tal-Arkitett Raymond Vassallo et**

Ir-rikorrenti Raymond Vassallo et hassewhom aggravati bis-sentenza surriferita tal-ewwel Qorti u interponew appell minnha.

Fil-qosor, l-aggravji taghhom huma tnejn:

L-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni ta’ Parade Limited billi sabet li ma setghux jigu indirizzati t-talbiet tar-rikorrenti kontra taghha. Ir-rikorrenti appellanti jsostnu li s-sentenza parzjali appellata hija bazata fuq zball ta’ fatt billi r-rikorrenti proprio huwa azzjonist u direttur fil-kumpanija Parade Ltd kif jirrizulta mill-organigram Dok A.

Fit-tieni lok, l-ewwel Qorti, laqghet l-eccezzjoni preliminari ta’ Windsor Holdings Limited li l-proceduri intavolati mir-rikorrenti ma jispettawx lilhom skont il-ligi. L-appellanti jsostnu li Parade Limited ghandha nofs l-ishma f’Windsor Holdings Ltd u ghalhekk huma ghandhom interess ekwivalenti ghal kwart, u bhala *second tier shareholders* ghandhom interess sinifikanti bizzejjed biex jistghu jezercitaw l-azzjoni taht l-Artikolu 402 u biex ma tigix eskluza l-kumpanija Windsor Holdings Ltd.

Ir-rikorrenti appellanti jaghmlu wkoll is-segwenti osservazzjonijiet fil-kuntest ta’ dawn iz-zewg aggravji. Huma jghidu li anke fl-aghar xenarju huwa prudenti li l-Qorti tisma’ l-provi kollha qabel ma tillibera lis-socjeta` Windsor Holdings f’dan l-istadju preliminari, u tirrizerva din il-materja ghad-decizjoni finali wara li jinstemghu l-provi kollha. Inoltre l-fatt li l-appellanti mhumiex membri immedjati ta’ Windsor Holdings Ltd, xorta wahda din tista’

tigi msejjha fil-kawza principali bhala intimata bhala terza parti li ppartecipat fl-allegati abbuzi.

Ghaldaqstant l-appellanti talbu r-revoka tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

**Rikors tal-appell tal-konjugi Parlato Trigona u Micallef**

Appellaw minn din is-sentenza preliminari Anthony Parlato Trigona u martu Ingrid, il-Perit Edward Micallef u martu Anna.

Fil-qosor l-aggravji taghhom huma s-segwenti

L-irritwalita` tal-azzjoni, in kwantu ma tidentifikax b'mod car u fil-konfront ta' kull wiehed u wahda mill-intimati x'inhuma l-lanjanzi u x'inhu r-rimedju rikjest minn kull intimat.

Il-konfuzjoni fit-tip u n-natura tal-azzjoni. L-insostenibbilita` tal-azzjoni dikjarata bhala azzjoni taht l-Artikolu 402 tal-Kap. 386 u mbaghad impustata bhala *derivative action* li hija azzjoni kompletament differenti mir-rimedju rikjest taht l-Artikolu 402. Huma jsostnu li jekk in-nullita` u l-improponibilita` tal-azzjoni ma tigix dikjarata mill-ewwel, l-atturi jkunu qed jinghataw l-okkazjoni biex jopprimu lill-intimati bi proceduri twal u tedjuzi.

Ghaldaqstant l-appellanti talbu biex din il-Qorti thassar is-sentenza precitata limitatament ghac-cahda tal-ewwel zewg eccezzjonijiet u minflok tilqa' l-istess u tiddikjara t-talbiet tar-rikorrenti bhala irriti u nulli bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti.

**Appellaw ukoll minn din is-sentenza preliminari l-konjugi William Carbonaro u Gabriella sive Gay Carbonaro**

Fil-qosor l-aggravji taghhom huma s-segwenti:

Illi s-sentenza appellata hija rritwali billi tonqos milli tanalizza kull wahda miz-zewg eccezzjonijiet preliminari tal-esponenti u tispjega bic-car ghaliex hasset li kellha tichadhom u thallihom fil-kawza.

L-appellanti hassewhom aggravati wkoll billi l-azzjoni tar-rikorrenti hija irrita u nulla ghaliex huma jittentaw l-azzjoni tal-*unfair prejudice* u d-*derivate action* flimkien meta z-zewg interessi konfliggenti ma jistghux jitharsu fl-istess azzjoni. Mhux bizzejjed li l-ewwel Qorti tissorvola l-eccezzjoni u tghid biss li din mhix azzjoni derivattiva. Jekk ir-rikorrenti kienu qed jagixxu f'isimhom proprju ma setghux iharrku l-kumpaniji li taghhom huma membri biex iharsu l-interessi personali taghhom kontra dawk il-kumpaniji. Jekk tingieb l-azzjoni derivattiva fl-isem il-kumpanija ghall-interessi tal-kumpanija, allura l-kumpanija ma tistax titharrek ukoll ghax tigi kemm rikorrenti kif ukoll intimata.

Ghaldaqstant l-appellanti talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza precitata billi tikkonferma d-decizjoni li nghatat fil-konfront tal-intimati l-ohra, u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn cahdet l-eccezzjonijiet preliminari taghha u minflok tilqa' l-istess eccezzjonijiet u tiddikjara l-azzjoni irrita u nulla.

**Appell Incidentali ta' Parade Limited**

Parade Limited appellat incidentalment minn din is-sentenza u ssottomettiet li hi ma kellhiex postha fil-proceduri odjerni u kellha tintlaqa' l-eccezzjoni preliminari taghha, pero` mhux raguni dedotta mill-ewwel Qorti billi huwa pacifiku mill-atti li r-rikorrenti Vassallo huma membri taghha. L-eccezzjoni taghha kienet li l-appellanti odjerni Vassallo mhumiex membri ossija azzjonisti tas-socjeta` Windsor Holdings Limited imma huma biss Parade Limited u s-socjeta` Dryad Limited.

Ghalhekk l-appellanti Parade Limited talbet li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza fejn laqghet it-tielet eccezzjoni taghha u tirriformaha fil-parti fejn stqarret li l-appellanti Vassallo mhumiex membri tas-socjeta` Parade Limited u

tadduci minflok ir-ragunijiet imressqa mis-socjeta` esponenti fir-risposta originali taghha.

**Risposti tal-appellati**

L-aggravji u t-talbiet relattivi tal-appellanti gew kollha kontestati mill-appellati fir-risposti taghhomipprezentati ghal kull appell.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

Dan l-appell jikkonsisti f’appelli kemm mir-rikorrenti kif ukoll mill-intimati minn sentenza parzjali fejn l-ewwel Qorti ddisponiet mill-eccezzjonijiet preliminari tal-intimati billi:

1. Fir-rigward ta’ Parade Limited, laqghet it-tielet eccezzjoni taghha, u cahdet it-talbiet attrici dedotti kontra taghha.
2. Fir-rigward Windsor Holdings Limited, laqghet l-ewwel tliet eccezzjonijiet taghha, u cahdet it-talbiet tar-rikorrenti dedotti kontra taghha.
3. Fir-rigward tal-intimati Carbonaro, Parlato Trigona u Micallef, cahdet l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet preliminari taghhom.

**L-ewwel eccezzjoni tal-intimati Carbonaro, Parlato Trigona u Micallef** tirrigwarda l-irritwalita` tal-azzjoni, ossija l-mod kif gie redatt l-att promotur.

L-intimati jsostnu li r-rikorrenti ma jidentifikawx b’mod car u fil-konfront ta’ kull wiehed u wahda mill-intimati x’inhuma l-lanjanzi u x’inhu r-rimedju rikjest minn kull intimat.

Ir-rikorrenti da parti taghhom sostnew li fir-rikors hemm spjegat x’inhi l-posizzjoni tal-partijiet fil-kumpaniji in kawza.  Dwar ir-rimedju huma jghidu li taht l-Artikolu 402 tal-Kap. 386 il-Qorti tista’ taghti rimedju li huwa wiehed wiesgha u ghalhekk kien barra minn loku li minhabba l-komplessita` tas-sitwazzjoni huma jitlobu rimedju specifiku ghaliex altrimenti jkunu qed jillimitaw il-poteri u d-diskrezzjoni tal-Qorti.  Huma dahhlu l-partijiet kollha

indikati fir-rikors billi dawn ghandhom interess u kienu kollha involuti.

Kif intqal fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza **Carmelo Bonnici v. Eucharistico Zammit** deciza fl-20 ta' Jannar 1986, "l-oggett u r-raguni gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero` li kwalunkwe nuqqas da parti tal-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost tal-Artikolu 156 tal-Kodici ta' Procedura u ghalhekk igib mieghu n-nullita` tac-citazzjoni. Infatti, biex citazzjoni tigi mwaqqa' irid ikun hemm raguni gravi u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx deficjenti jew zbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi ppregudikat fid-difiza tieghu".

Illi l-oneru tal-prova li l-kawza mhux cara u li hemm nullita` qeghdha f'dan il-kaz fuq l-intimati li jridu jippruvaw dak li qed jallegaw. Fil-kaz in ezami l-premessi u t-talbiet fir-rikors huma cari u jindikaw ghaliex ir-rikorrenti qed imexxu l-azzjoni taht l-Artikolu 402 u li sa fejn kien possibbli, billi f'dan l-istadju ghadhom ma ngabrux il-provi fil-mertu, gie indikat fl-att promotur l-involviment ta' kull wiehed mill-intimati, il-lanjanzi u r-rimedju mitlub. Dan apparti dak li xehed ir-rikorrent Raymond Vassallo quddiem l-ewwel Qorti. Mid-diversi eccezzjonijiet li gew imressqa jidher car li l-konvenuti setghu jiddefendu bil-qawwa kollha l-posizzjoni taghhom kif kellhom id-dritt li jaghmlu u ma jidhirx li sofrew xi pregudizzju rrimedjabbli.

**It-Tielet eccezzjoni Parade Limited**

Ir-rikorrenti appellaw minn din il-parti tas-sentenza ghax sostnew li s-sentenza appellata hija bazata fuq zball ta' fatt billi huma azzjonisti f'Parade Ltd kif jidher mid-Dok A.

Illi s-socjeta` Parade Limited taccetta li r-rikorrenti Vassallo huma membri taghha, izda fl-istess waqt issostni li l-eccezzjoni taghha kellha tigi milqugha, mhux ghar-raguni li tat l-ewwel Qorti, izda ghax ir-rikorrenti Vassallo mhumiex azzjonisti tas-socjeta` Windsor Holdings Limited

u huma Parade Limited u s-socjeta` Dryad Limited biss azzjonisti f'Windsor Holdings Ltd.

Din l-eccezzjoni hija simili ghall-ewwel tliet eccezzjonijiet sollevati minn Windsor Holdings Ltd li gew milqugha mill-ewwel Qorti.

F'dawn l-eccezzjonijiet is-socjeta` Windsor Holdings Limited (u anke Parade Limited) tghid li dawn il-proceduri ma jispettawx lir-rikorrenti billi huma ma humiex 'membri' tas-socjeta` Windsor Holdings Ltd.

Ir-rikorrenti, min-naha l-ohra fl-appell taghhom, u anke fir-risposti, jirritjenu li huma ghandhom hamsin fil-mija (50%) *share* f'Parade Limited li ghandha nofs l-ishma f'Windsor Holdings Ltd u ghalhekk huma ghandhom interess ekwivalenti ghal kwart ($^1/_4$), bhala *second tier shareholders* u bhala direttur ta' Parade Ltd. Dan huwa bizzejjed, skont ir-rikorrenti, biex huma jkunu jistghu jezercitaw l-azzjoni taht l-Artikolu 402 u biex jinsistu li l-kumpanija Windsor ma tigix eskluza mill-kawza.

Illi kif gia` intqal hemm qbil li r-rikorrenti Vassallo huma membri fis-socjeta` Parade Limited. Ghalhekk l-aggravju tar-rikorrenti qed jigi milqugh u din il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti qed tigi riformata.

Jirrizulta li Parade Ltd u Dryad Ltd huma azzjonisti f' Windsor Holdings Ltd izda r-rikorrenti mhumiex direttament azzjonisti fl-istess. Huma pero` qed jippretendu li ghandhom dritt li jagixxu kontra Windsor Holdings bhala *two tier shareholders*.

Illi skont il-ligi l-azzjoni taht l-Artikolu 402 tal-Kap 386 tista' tigi mressqa minn "kull membru ta' kumpanija" u l-Artikolu 2(1) jiddefinixxi 'membru' bhala "azzjonista ta' kumpanija u socju f'kull socjeta` kummercjali ohra". Illi r-rikorrenti ma humiex azzjonisti jew membri fis-socjeta` Windsor Holding Ltd ghalhekk ma setghux jintavolaw il-kawza u jfittxu rimedju taht l-Artikolu 402 kontra din il-kumpanija.

Fil-ligi ma jezisti ebda kuncett ta’ ‘second tier shareholding’. Il-membri f’socjeta` kummercjali huma dawk l-azzjonisti li huma registrati fis-socjeta` u dan kif, bhala regola, jirrizulta mid-dokumenti tas-socjeta`. Fil-kaz in ezami r-rikorrenti mhumiex azzjonisti fis-socjeta` Windsor Holdings Limited. Ghalhekk membru f’socjeta` partikolari ma jistax jarroga ghalih innifsu drittijiet spettanti lil membru f’socjeta` ohra, u jinjora l-principju tal-personalita` guridika separata tas-socjetajiet kummercjali. Ir-relazzjonijiet interni tal-kumpanija, bhalma huma l-ezistenza ta’ subsidiary u parent company mhumiex rilevanti f’dan il-kaz.

Dwar is-sottomissjoni ulterjuri tar-rikorrenti li Windsor Holdings Ltd ghandha tiddahhal fil-kawza ghall integrita` tal-gudizzju u ghax hemm interess, din il-Qorti tirrileva li l-kwistjoni m’hijiex jekk din il-kumpanija ghandhiex tidher bhala intimata fil-kawza imma jekk ir-rikorrenti kellhomx dritt jitlobu rimedju kontra taghha, li fil-fatt ma kellhomx ghax mhumiex membri taghha.

Illi ghalhekk l-aggravju tar-rikorrenti fir-rigward ta’ Windsor Holding Ltd qed jigi michud. Mhux l-istess pero` jista’ jinghad fir-rigward tal-eccezzjoni ta’ Parade Limited billi r-rikorrent hu azzjonist u direttur f’dik il-kumpanija, u ghalhekk l-istess kumpanija ghandha tibqa’ fil-kawza, aktar u aktar f’dan l-istadju meta l-lanjanzi tar-rikorrenti fil-konfront taghha fil-mertu ghandhom lanqas gew ikkunsidrati mill-Qorti.

**It-tieni eccezzjoni ta’ Carbonaro, Parlato Trigona u Micallef** tirrigwarda l-allegata konfuzjoni koncettwali bejn zewg tipi ta’ azzjonijiet.

L-intimati jissottomettu li l-azzjoni tar-rikorrenti hija nsostenibbli billi ghalkemm l-azzjoni giet dikjarata bhala wahda taht l-Artikolu 402 tal-Kap. 386 imbaghad giet impustata u riferita bhala ‘common law derivative claim’ b’mod li l-intimati tpoggew f’posizzjoni li ma jafux effettivament jekk humiex se jiddefendu azzjoni ghal pregudizzju mhux gust jew azzjoni derivattiva. Dawn

huma zewg azzjonijiet distinti u m'ghandhomx jigu konfuzi f'azzjoni wahda.

Ir-rikorrenti jsostnu li l-azzjoni derivattiva illum evolviet fl-artikolu 402 fejn rimedji maghrufa tradizzjonalment llum gew assorbiti mill-azzjoni kontra l-oppressjoni tal-azzjonisti. Huma dahhlu l-kumpaniji indikati fil-kawza billi hija prattika rakkomandata jekk mhux mandatorja li kull min ghandu interess jew involviment direttament jew indirettament ghandu jigi inkluz. Il-Qorti f'dawn il-kazijiet ghandha tikkoncerna ruhha aktar bis-sustanza milli tintilef fuq procedura. Isostnu li ma jidhirx li l-ewwel Qorti ma fehmitx la x'kienet l-azzjoni derivattiva u lanqas x'kien ir-rimedju taht l-Artikolu 402 tal-Companies Act li kienu qed jitolbu u korrettement ikkonkludiet li l-azzjoni kienet qed issir taht l-Artikolu 402.

"Skont il-gurisprudenza huwa principju generali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proceduri. Mic-citazzjoni ghandu jirrizulta facilment liema azzjoni verament l-attur ikun qed jittenta u dan ghar-raguni li l-azzjonijiet huma distinti fin-natura taghhom u l-iskop taghhom u huma mmexxijin minn regoli ta' procedura diversa. Azzjoni ma tistax tigi ezercitata konfuzament ma' azzjoni flimkien b'domanda wahda. Dan hu kuntrarju mhux biss ghal principji fuq imfissra izda wkoll ghad-dispost espress tal-Ligi tal-Procedura li jezigi li c-citazzjoni ghandu jkun fiha mfissrin car u sewwa l-oggett u r-raguni tat-talba" (App. Civ. **Tabone v. Flavia** Vol XL11 p.1.p 87). L-azzjoni tigi desunta mill-att istituttiv tal-gudizzju, mill-kliem uzat u mill-iskop li ghalih huwa intiz il-gudizzju (vol. 34 p3 p 746). Is-sentenza tal-Qorti ghandha tirrispekkja t-talba attrici unikament fid-dawl tan-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut.

Fil-kaz in ezami l-premessi u t-talbiet fir-rikors huma cari u jindikaw illi r-rikorrenti qed imexxu l-azzjoni taghhom taht l-Artikolu 402. Huma mill-ewwel jghidu li ghamlu din l-azzjoni skont l-Art. 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta u fl-ewwel talba taghhom ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti *taghti dawk ir-rimedji skont ma jidhrulha xierqa u*

*opportuni fis-sens tal-poteri taghha wiesgha tal-Artikolu 402 tal-Companies Act.*

L-intimati jsostnu li jekk ir-rikorrenti kienu qed jagixxu f'isimhom proprju ma setghux iharrku l-kumpaniji li taghhom huma membri biex iharsu l-interessi personali taghhom kontra dawk il-kumpaniji. Inoltre jekk tingieb l-azzjoni derivattiva fl-isem il-kumpanija ghall-interessi tal-kumpanija, allura l-kumpanija ma tistax titharrek ukoll ghax tigi kemm rikorrenti kif ukoll intimata.

Jigi rilevat li f'azzjoni taht l-Artikolu 402 il-kumpanija titharrek bhala intimata f'dawk il-proceduri flimkien ma' ohrajn li jistghu jwiegbu l-pretensjoni tal-azzjonist minoritarju. Fil-kaz tal-azzjoni derivattiva hija l-kumpanija li tistiga l-azzjoni u titressaq minn azzjonist f'isimha.

Illi skont l-okkju u l-verbal quddiem l-ewwel Qorti (fol. 231) jirrizulta li r-rikorrent Vassallo mhux qed jagixxi ghan-nom u in rapprezentanza tad-diversi socjetajiet citati minnu imma qed jagixxi fil-vesti personali u *qua* direttur. Anke mit-talbiet jirrizulta li r-rimedju li qed jintalab huwa dak skont l-Artikolu 402 li f'dan il-kaz hu ghal dannu li r-rikorrent sofra u qed isofri u mhux ghal xi nuqqas subit mill-kumpaniji. Ghalhekk mis-sustanza tal-azzjoni u tat-talbiet ghandu jirrizulta li l-azzjoni mressqa mir-rikorrent m'hijiex dik derivattiva imma dik taht l-Artikolu 402, kif qalet ukoll l-ewwel Qorti.

Huwa minnu li l-azzjoni taht l-Artikolu 402 generalment tingieb minn azzjonist li huwa membru tal-kumpanija, izda l-fatt li f'dan il-kaz ir-rikorrent identifika ruhu wkoll bhala direttur ma jimportax in-nullita` tal-azzjoni jew jibdel is-sustanza tal-azzjoni, dan sakemm ma ddikjarax espressament li huwa qed jidher ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpaniji. Imma anke kieku l-Qorti kellha ssib fil-mertu li r-rikorrent ma kellux *locus standi* bhala direttur, ma jfissirx li allura l-azzjoni ma setghetx titkompla fil-vesti ta' membru tal-kumpanija.

Ghalhekk l-aggravju tal-intimati f'dan ir-rigward qed jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tikkonferma s-sentenza appellata hlief fil-parti fejn l-ewwel Qorti laqghet it-tielet eccezzjoni tas-socjeta` intimata Parade Limited u minflok qeghdha tichadha u minflok tilqa' l-appell tar-rikorrenti f'dan ir-rigward.

Fir-rigward tal-ispejjez tal-appell tar-rikorrenti dawn ghandhom jinqasmu indaqs bejn ir-rikorrenti u Parade Ltd.

Fir-rigward tal-appelli l-ohra kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

Tordna li l-atti tal-kawza jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni fil-mertu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------